



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*

---

**2011/0366(COD)**

7.9.2012

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li  
jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil  
(COM(2011)0751 – C7-0443/2011 – 2011/0366(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Kyriakos Mavronikolas

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fil-qasam tal-politiki dwar l-affarijiet interni, li jkopri s-sigurtà, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni, il-Kummissjoni qed tippromovi li għall-perjodu 2014-2020 tissimplifika l-istruttura tal-istrumenti tan-nefqa billi tnaqqas l-għadd ta' programmi għal struttura b'żewġ pilastri. Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil jikkostitwixxi wieħed minn dawn iż-żewġ pilastri, filwaqt li l-ieħor huwa Fond għas-Sigurtà Interna ġdid.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jilqa' l-isforzi għall-kisba, permezz ta' dan il-Fond, ta' solidarjetà akbar fost l-Istati Membri kollha bil-ħsieb ta' koordinazzjoni tal-politika u qsim tal-piżijiet effiċjenti.

Jenfasizza l-importanza li jkunu żgurati l-koerenza u l-konsistenza fost il-miżuri meħuda taħt dan il-Fond u dawk taħt l-istrumenti finanzjarji esterni, speċjalment minħabba l-fatt li dan il-Fond se jkun użat parzjalment biex jappoġġja l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari fil-qafas tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' riammissjoni, tas-sħubiji għall-mobilità u tal-programmi ta' protezzjoni reġjonali.

B'mod aktar ġenerali, il-fond għandu jintuża f'konformità mal-azzjoni esterna tal-Unjoni, u għandu jikkonforma mal-oġġettivi tagħha u l-prinċipji li jirregolawhom, kif definit fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin għalhekk huwa favur involviment qawwi u definit b'mod ċar tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, speċjalment fl-istadju ta' programmazzjoni tal-Fond, sabiex tkun evitata duplikazzjoni ma' strumenti oħra favur pajjiżi terzi, anzi jkunu żgurati sinerġiji u komplimentarjetà. Barra minn hekk jenfasizza li l-azzjonijiet kollha appoġġjati mill-Fond għandhom ikunu konformi mad-drittijiet fundamentali tal-kategoriji ta' persuni fil-mira ta' dan ir-Regolament u li ċerti azzjonijiet iffinanzjati mill-Fond għandu jkollhom l-għan speċifiku tat-tiġid ta' din il-konformità mad-drittijiet fundamentali.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament Premessa 25a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(25a) Sabiex jiżgura li l-miżuri taħt dan il-Fond ikunu kompletament koerenti ma' u komplementari għall-miżuri appoġġati permezz tal-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni, u li jikkonformaw mal-oġġettivi u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, is-Servizz Ewropew għall-***

*Azzjoni Esterna għandu jkun, flimkien mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, kompletament involut fil-proċess ta' programmar u monitoraġġ tal-Fond.*

## Emenda 2

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-kisba ta' dan l-objettiv se *tiġi mkejjela* permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, ***il-livell ta' titjib fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza fil-qasam tal-ażil, fil-kwalità*** tal-proċeduri tal-ażil, ***fil-konverġenza*** tar-rati ta' rikonossiment fl-Istati Membri, u l-isforzi ta' risistemazzjoni mill-Istati Membri.

*Emenda*

Il-kisba ta' dan l-objettiv se *titkejjel* permezz ta' indikaturi ***li jinkludu***, fost oħrajn, ***il-kwalità*** tal-proċeduri tal-ażil, ***il-konverġenza*** tar-rati ta' rikonossiment fl-Istati Membri, u l-isforzi ta' risistemazzjoni mill-Istati Membri.

## Emenda 3

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. Miżuri meħuda biex jinkisbu l-objettivi definiti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu totalment koerenti ma' u komplementari għall-miżuri appoġġjati mill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni u jikkonformaw mal-objettivi u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.***

## Emenda 4

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt (e)

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) informazzjoni għall-komunitajiet lokali kif ukoll taħriġ għall-persunal ta' awtoritajiet lokali, li jkunu *qed jitħalltu* ma'

*Emenda*

(e) informazzjoni għall-komunitajiet lokali kif ukoll taħriġ għall-persunal ta' awtoritajiet lokali, li jkunu *se jinteraġixxu*

dawk li jintlaqgħu;

ma' dawk li jintlaqgħu, *speċjalment fir-rigward tal-konformità mad-drittijiet fundamentali ta' dawk li jfittxu ażil*;

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt (b)

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) it-twaqqif ta' strutturi amministrattivi, sistemi u *t-taħriġ* tal-persunal u awtoritajiet ġudizzjarji rilevanti biex jiġi żgurat aċċess bla xkiel għall-proċeduri tal-ażil għal persuni li jfittxu l-ażil u proċeduri tal-ażil effiċjenti u ta' kwalità.

*Emenda*

(b) it-twaqqif ta' strutturi amministrattivi, sistemi u *taħriġ* tal-persunal u awtoritajiet ġudizzjarji rilevanti biex jiġi żgurat aċċess bla xkiel għall-proċeduri tal-ażil għal persuni li jfittxu l-ażil u proċeduri tal-ażil effiċjenti u ta' kwalità ***li jikkonformaw mad-drittijiet fundamentali ta' dawk li jfittxu ażil. għal dan il-għan, il-kurrikulu Ewropew fil-qasam tal-ażil irid jinżamm aġġornat u jitwessa' biex f'xogħlu jinkludi korpi ta' esperti oħrajn, bħall-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili.***

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Artikolu 7 - punt (b)

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) l-istabbiliment ta' infrastruttura u servizzi xierqa biex tkun żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel u effettiva ta' azzjonijiet ta' risistemazzjoni u rilokazzjoni;

*Emenda*

(b) l-istabbiliment ta' infrastruttura u servizzi xierqa biex tkun żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel u effettiva ta' azzjonijiet ta' risistemazzjoni u rilokazzjoni, ***konformi mad-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati***;

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) it-twaqqif u l-iżvilupp tat-tali strateġiji ta' integrazzjoni, inkluż l-analiżi tal-bżonnijiet, it-titjib tal-indikaturi u l-evalwazzjoni;

*Emenda*

(a) it-twaqqif u l-iżvilupp tat-tali strateġiji ta' integrazzjoni, inkluż l-analiżi tal-bżonnijiet, it-titjib tal-indikaturi ***dwar l-integrazzjoni*** u l-evalwazzjoni ***tal-kundizzjonijiet partikolari għal dawk li jfittxu l-ażil, inklużi valutazzjonijiet parteċipattivi, bil-għan li jiġu identifikati l-aħjar Prattiki***;

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – punt (c)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) kapaċitajiet ***interkulturali*** ulterjuri ta' organizzazzjonijiet implimentattivi li jipprovdu servizzi pubbliċi u privati, inklużi istituzzjonijiet edukattivi, il-promozzjoni tal-iskambju ta' esperjenza u prattiki tajba, kooperazzjoni u netwerking;

*Emenda*

(c) kapaċitajiet ulterjuri ta' organizzazzjonijiet implimentattivi li jipprovdu servizzi pubbliċi u privati, inklużi istituzzjonijiet edukattivi ***fil-qasam tal-interkulturalità u tad-drittijiet tal-bniedem***; il-promozzjoni tal-iskambju ta' esperjenza u prattiki tajba, kooperazzjoni u netwerking;

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11 - punt (b)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) it-twaqqif ta' strutturi amministrattivi, sistemi u t-taħriġ tal-persunal sabiex ***ikunu żgurati*** proċeduri ta' ritorn ***mingħajr xkiel***;

*Emenda*

(b) it-twaqqif ta' strutturi amministrattivi, sistemi u ***taħriġ*** tal-persunal sabiex ***ikun żgurat li l-proċeduri*** ta' ritorn ***ikunu mingħajr problemi u jħarsu totalment id-drittijiet fundamentali tal-migranti***;

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ba) l-appoġġ għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ indipendenti tal-operazzjonijiet ta' ritorn min-naħa tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, biex tiġi garantita l-konformità mad-drittijiet tal-bniedem;***

## **Amendment 11**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt (c)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) studji dwar forom ġodda possibbli ta' kooperazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-ażil, l-immigrazzjoni, l-integrazzjoni u r-ritorn u l-liġi rilevanti tal-Unjoni, it-tixrid u l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiċi u l-aspetti l-oħra kollha tal-ażil, l-immigrazzjoni, l-integrazzjoni u l-politika dwar ir-ritorn, inkluż il-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni;

(c) studji dwar forom ġodda possibbli ta' kooperazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-ażil, l-immigrazzjoni, l-integrazzjoni u r-ritorn u l-liġi rilevanti tal-Unjoni, it-tixrid u l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiċi u l-aspetti l-oħra kollha tal-ażil, l-immigrazzjoni, l-integrazzjoni u l-politika dwar ir-ritorn, inkluż il-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni ***u r-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-persuni inklużi fil-kategoriji stipulati fl-Artikolu 4;***

## PROCĊEDURA

<b>Titolu</b>	Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil
<b>Referenzi</b>	COM(2011)0751 – C7-0443/2011 – 2011/0366(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 15.12.2011
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 15.12.2011
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Sophocles Sophocleous 20.12.2011
<b>Rapporteur għal opinjoni sostitut(a)</b>	Kyriakos Mavronikolas
<b>Data tal-adozzjoni</b>	6.9.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 41 -: 3 0: 4
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Frieda Brepoels, Elmar Brok, Mário David, Andrzej Grzyb, Anna Ibrisagic, Liisa Jaakonsaari, Anneli Jäätteenmäki, Ioannis Kasoulides, Nicole Kiil-Nielsen, Evgeni Kirilov, Maria Eleni Koppa, Andrey Kovatchev, Paweł Robert Kowal, Wolfgang Kreissl-Dörfler, Eduard Kukan, Vytautas Landsbergis, Sabine Lösing, Ulrike Lunacek, María Muñiz De Urquiza, Raimon Obiols, Ria Oomen-Ruijten, Pier Antonio Panzeri, Mirosław Piotrowski, Hans-Gert Pöttering, Cristian Dan Preda, Nikolaos Salavrakos, György Schöpflin, Werner Schulz, Adrian Severin, Marek Siwiec, Charles Tannock, Geoffrey Van Orden, Sir Graham Watson, Boris Zala, Karim Zérubi
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Charalampos Angourakis, Elena Băsescu, Andrew Duff, Tanja Fajon, Hélène Flautre, Emilio Menéndez del Valle, Jean Roatta, Carmen Romero López, Helmut Scholz, Indrek Tarand, Ivo Vajgl
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Danuta Jazłowiecka, Sophocles Sophocleous